# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 1 ta' Lulju 2024**

**Rik.Gur.Nru : 188/2023 JPG**
**Kawza nru: 23**

**RM**
**Vs**
**KC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 11 ta' Awwissu 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi RM kellha relazzjoni mall-konvenut KC u minn din ir-relazzjoni twieled tifel jismu ZCM f'X (Dok A);*

2. *Ill illum-il gurnata it-tifel ghandu sitt snin u l-konvenut missieru qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment ta' ibnu u lanqas jmur jarrah minkejja diversi tentattivi sabiex il-missier jerfa' r-responsabiltajiet tieghu;*

3. *Illi l-minuri ZCM ghandu problem serji ta' zvilupp fis-sahha mentali u fizici u l-omm li ghandha llum-il gurnata ghandha hamsa u ghoxrin sena ilha tiehu hsieb dan it-tifel wehedha bl-ghajnuna biss ta' ommha.*

4. *Li hija m'hijiex qieghda tippercepixxi manteniment ghat-tifel mill-missier u ma*

*hemmx il-presenza ta' missier f'hajjtu;*

5. *Illi ghalhek hija tixtieq tinghata l-kura u l-kustodja tat-tifel ZCM minuri wehedha kif ukoll tinghata il-patria potestas tieghu, kif ukoll manteniment adegwat ghal binha mill-missier li ghandu jezercita' d-dmirijiet tieghu bhala missier;*

6. *Illi l-ahhar indirizz residenzjali huwa dak li jidher fuq il-karta tal-identita' tieghu mahrug mill-Identity Malta;*

7. *Illi r-rikorrenti kienet bdiet tattendi ghas-seduti tal-medjazzjoni numru 282/22 sabiex tipprova tilhaq ftehim dwar il-kwistjoni ta' kustodja, manteniment u access liema medjazzjonijiet gew maghluqa fil-21 ta' Gunju 2023, stante nuqqas ta' interess u attendenza tal-konvenut;*

8. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'din l-istanza ai termini tal-Artiklu 10(1) tal-avviz legali, 2003, permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti moghti fil-21 ta' Gunju 2023 r-rikorrenti gie awtorizzata jipprocedu b'kawza (Dok B);*

*Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrila xieraq u opportun.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrenti qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex skond dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni, joghgobha:*

*(i) Tiffissa manteniment adegwat ghall-minuri ZCM;*
*(ii) Tinghata l-kura u l-kustodja ta' binha wehedha;*
*(iii) Tinghata l-patria potesta tat-tifel fl-assenza tal-missier sabiex ma jkollha ebda xkiel fl-izvilupp u t-trobbija tat-tifel li llum-il gurnata qieghed jikber u l-bzonnijiet u l-kura medika qieghdin jizdiedu.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat naqas li jipprezenta risposta guramentata tieghu u naqas li jidher,

ghaldaqstant gie dikjarat kontumaci fil-15 ta' Mejju 2024 (Vide Fol 29);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-fakolta' mghotija lill-intimat ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu;

Rat illi minkejja dan, l-intimat baqa' indadempjenti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet viva voce nhar it- 8 ta' April 2024 (vide fol 23 et seqq.)*** u spjegat illi hi ghandha sitta u ghoxrin (26) sena, u saret taf lill-intimat peress li hu l-intimat huwa gharus lil ohtha. Ziedet illi hi kellha dsatax (19)- il sena meta bdiet ir-relazzjoni mal-intimat. Ikkonfermat illi huma qatt ma ghexu flimkien, izda l-intimat kien ghamel perjodu jghix maghhom id-dar. Kien biss wara madwar sentejn mir-relazzjoni taghhom, li hu mar jghix mal-genituri taghha.

**Illi binhom illum wasal biex jaghlaq X snin u l-intimat qatt ma ghadda manteniment**. Spjegat illi binhom ghandu l-ADHD u ghandu ftit Awtizmu u ghalhekk spiss ikollu appuntamenti medici, u jiehu ukoll xi medicina minhabba l-ADHD, u minhabba l-ansjeta. Xehdet illi l-minuri ghandu ukoll bzonn intervent f'ghajnejh ghaliex ghandu *squint*. L-attrici ikkonfermat illi hi ma tahdimx, u tircievi l-assistenza socjali fl-ammont ta' EUR 343 fix-xahar, c-*children's allowance,* u kif ukoll beneficcju ta' dizabilta' fl-ammont ta' EUR 700 kull tliet (3) xhur. L-attrici rrilevat illi l-intimat qatt ma ghamel kuntatt mal-minuri wara li ma baqghux flimkien.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn talbet illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ZCM li twieled nhar X u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelied tal-minuri *a fol 6.*

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...**"*

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> *'**huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

> ***wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

---

[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.***, Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta'***

[8] Enfazi tal-Qorti.

> ***l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni intima u li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri ZCM li ghandu X snin. Illi mill-atti jidher illi l-intimat ilu ma jkollu kuntatt mal-minuri minn meta intemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tiddubita minn dak rilevat mill-attrici. Il-Qorti tosserva illi effettivament l-intimat ilu assenti mill-hajja tal-minuri ghall-perjodu twil, u dan, flimkien mad-disinteress totali fil-proceduri odjerni, fil-fehma konsiderata tal-Qorti **ma hija xejn hlief riflessjoni tal-assenza totali ta' irbit emozzjonali bejn l-intimat missier u ibnu**. Din il-Qorti rat illi l-minuri, li ghandu l-ADHD, qieghed jitrabba unikament mill-attrici omm, b'dana illi l-intimat missier la qatt kkontribwixxa b'mod finanzjarju u wisq anqas ma jmur jara lill-minuri. Illi l-inaffidabilita' tal-intimat hija evidenti meta minkejja li kien intrabat quddiem din il-Qorti li jivversa manteniment ghall-minuri lill-attrici, huwa baqa inadempjenti.[9]

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fic-cirkostanzi, jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, li ghandha wahidha minghajr l-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu ddecizjonijiet kollha, ordinarji jew straordinarji, fir-rigward tal-minuri ghal dak kollu li

[9] Vide verbal a fol 21 u verbal a fol 22.

jirrigwarda l- edukazzjoni, s-sahha, attivitajiet extra-kurrikulari, safar u l-hrug u tigdid tal-passaport tal-minuri u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tordna illi r-residenza primarja, id-domicilju, u residenza abitwali tal-minuri ghandha tibqa' mal-attrici omm u tordna illi l-intimat ghandu jigi zvestit minn kull setgha u jeddijiet ta' genitur.

Illi fir-rigward it-talba ghall-manteniment, din il-Qorti hija konsapevoli illi t-trobbija tal-ulied iggib maghha piz finanzjarju konsiderevoli. Illi kif diga ribadut, "***huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom"*** u dan l-oneru jinkombi fuq iz-zewg genituri. Illi pero' u naturalment dawn il-Qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta' fatt li l-genitur li mieghu jkunu qieghdin jirrisjedu t-tfal, xi ftit jew wisq jillimita l-kapacita' ta' dak il-genitur li jiggenera introjtu ta' certu entita'.

Il-Qorti taghraf illi l-abbandun totali da parti tal-intimat tul dawn l-ahhar snin, kellha l-konsegwenza li r-rikorrenti rabbiet lill-minuri effettivament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti taghraf illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Ghalhekk dan huwa fattur li, fil-fehma tal-Qorti, ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Illi din il-Qorti rat illi l-attrici tistrieh unikament fuq il-beneficcji socjali, u dana stante li minhabba d-diversi appuntamenti medici tal-minuri li jbati minn awtizmu u ADHD, jghamilha difficli ghaliha li tahdem.

Illi, l-attrici fin-nota datat 13 ta' Mejju 2023 *a fol 27* tal-atti, indikat numru ta' spejjes mensieli li hija tinkorri ghall-minuri. Illi din il-Qorti tifhem illi dawn l-ispejjes jibqghu jawmentaw mal-izvilupp tal-minuri. Illi fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' tlett mitt ewro (EUR 300) kull xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ordnat ghandu jinqata direttament mid-dhul, introjtu, jew paga tal-intimat, u/jew minn kwalsiasi beneficcji socjali jew pensjoni li l-intimat jista' jkun qieghed talvolta jircievi,

b'dana illi ghandu jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-attrici. Illi l-manteniment ghandu joghla skond l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena mid-data ta' din is-sentenza.

Illi fir-rigward it-talba ghall-arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelied tal-minuri, din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (EUR 250) fix-xahar mis-16 ta' Mejju 2017 sad-data ta' din is-sentenza, u cioe is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn u hamsin ewro EUR 21,250 (85 il-xahar x EUR 250) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghall-minuri dovuti lill-attrici.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna illi l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' tlett mitt ewro (EUR 300) kull xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ordnat ghandu jinqata direttament mid-dhul, introjtu, paga tal-intimat, u/jew minn kwalsiasi beneficcji socjali jew pensjoni li l-intimat jista' jkun qieghed talvolta jircievi. Dan il-manteniment ghandu jigi depozitat f' kont bankarju indikat mill-attrici. Illi l-manteniment ghandu ukoll joghla skond l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena mid-data ta' din is-sentenza. Illi dana l-ammont ghandu jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri ZCM jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)- il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full-time.**
2. **Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ZCM tkun vestita unikament u esklussivament fl-attrici omm, u tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm u li d-domicilju u residenza ordinarja tieghu ghandha tkun fil-Gzejjer Maltin;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-intimat jigi zvestit mis-setgha ta'genitur u tordna u tawtorizza lill-attrici tiehu dawk id-decisjonijiet kollha kemm dak ordinarji kif ukoll dawk straordinarji, relatati mas-sahha u edukazzjoni, safar, hrug u tigdied ta' passaport, hrug tal-karta tal-identita' tal-istess minuri u dana kollu minghajr il-kunsens, il-firma u l-presenza tal-intimat;**
4. **Tordna illi kwalsiasi beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali li ghalihom ikun**

**elegibbli il-minuri, ghandhom ikunu pagabbli lil-attrici;**

5. **Tordna lill-intimat ihallas lill-attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn u hamsin ewro (EUR 21,250) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghall-minuri ZCM.**

**L-ispejjes kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**